V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10086 — Cerberus Group/Dorel Industries)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 20/07)

1. Fit-8 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cerberus Capital Management, L.P. ("Cerberus Group", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Dorel Industries Inc. ("Dorel", il-Kanada).

Cerberus Group jakkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Dorel kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Cerberus Group: ditta privata tal-investiment involuta f'investiment fi proprjetà immobbli u proprjetà personali ta' kull tip madwar id-dinja. Uħud mis-setturi ewlenin li fihom l-impriżi kkontrollati minn Cerberus Group jiġġeneraw fatturat huma s-servizzi finanzjarji, il-manifattura, il-materjali tal-bini u l-proprjetà immobbli.

— Dorel: kumpanija li topera madwar id-dinja, u attiva fi prodotti li għadhom qed jikbru, roti u prodotti tad-dar. Il-prodotti tad-ditta ta' Dorel Juvenile jinkludu marki globali Maxi-Cosi, Quinny u Tiny Love, ikkumplimentati minn marki reġjonali bħal Safety 1st, Bébé Confort, Cosco u Infanti. Il-marki ta' Dorel Sports jinkludu Cannondale, Schwinn, GT, Mongoose, Caloi u IronHorse. Dorel Home tikkummerċjalizza taħlita wiesgħa ta' għamara prodotta u importata domestikament.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10086 — Cerberus Group/Dorel Industries

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 229-64301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË